**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Familja**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 1 ta' Novembru, 2016**

**Rikors Guramentat Numru:- 7/2016JVC**

**Jean Pierre Muscat**

**Vs**

**Ryanne Xuereb**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat tal-attur li ppremetta:-

1. Illi l-partijiet kellhom relazzjoni barra z-zwieg u minn din ir-relazzjoni kellhom wild komuni li jismu Tristan Muscat, li twieled fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Ottubru elfejn u ghaxra (2010) gewwa r-Rabat, Ghawdex, u dan kif jidher minn kopja tac-certifikat hawn anness u mmarkat bhala dokument 'A' u ghalhekk ghadu minorenni.

2. Illi r-relazzjoni ta' bejniethom illum tkissret irrimedjabilment u ma kienx hemm konvivenza bejn il-koppja ghal dawn l-ahhar sentejn;

3. Illi b'digriet moghti minn din il-Qorti tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' Marzu elfejn u sittax (2016) l-attur gie awtorizzat sabiex jipprocedi b'din il-kawza;

4. Illi l-esponenti jixtieq illi jkun hemm ordni dwar il-kura u l-kustodja tal-minuri kif ukoll jigi stabbilit access mill-missier ghall-minuri.

5. Illi dan ir-rikors qieghed isir u qieghed jigi kkonfermat bil-gurament mill-attur Jean Pierre Muscat li ghandu konoxxenza vera u proprja tal-fatti u li taw lok ghal din il-kawza.

Talab lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tordna l-kura u l-kustodja tal-minuri Tristan Muscat tkun kongunta bejn il-partijiet;

2. Tiffissa access adegwat mill-missier ghal ibnu minuri;

3. Taghti dawk l-ordnijiet kollha li jidrilha xierqa fir-rigward u fl-interess tal-minuri;

Bl-ispejjez kollha nkluza Vat u nkluzi dawk tal-medjazzjoni. Il-konvenuta mharrka ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa qeghda tigi ngunta.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li eccepiet:

1. Illi qabel xejn l-esponenti teccepixxi l-*privilegium fori* fit-termini tal-Artikolu 767 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante li hija u binha t-tnejn jirrisjedu gewwa Malta u ghaldaqstant ghandhom id-dritt li jigu ccitati biss quddiem dik l-Onorabbli Qorti.

2. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt il-pretensjonijiet u ghandhom jigu respinti fl-intier taghhom bl-ispejjez kollha kontra l-istess attur.

3. Illi, infatti, l-attur prattikament abbanduna lil ibnu ghal kollox, u mhux biss qatt ma ezercita' xi access ghal ibnu, izda lanqas b'xi mod ikkontribwixxa ghat-trobbija ta' ibnu matul dawn l-ahhar almenu tliet (3) snin. Mhux talli hekk, izda meta b'xi kumbinazzjoni, huwa u l-esponenti flimkien ma' binha jiltaqghu wicc'imb'wicc, il-missier idawwar wiccu lejn in-naha l-ohra flok jipprova jkellem lil ibnu.

4. Illi fiz-zmien precedenti ghas-sena 2013, meta l-missier kien jezercita access ghal ibnu, huwa ma kienx jipprova jinteragixxi ma' Tristan, imma minflok ihallih ghal rihu waqt li huwa joqghod ipejjep sigarett;

5. Illi hija biss l-esponenti u hadd iktar, bl-ghajnuna pero' tas-sieheb, u dalwaqt zewgha Aaron Camilleri, li ffaccjat il-problemi kollha konnessi ma' din it-trobbija.

6. Illi effettivament, kif sejjer jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza, Tristan ibati minn problemi ta' sahha u ta' mgiba serji, u jiddependi esklussivament fuq ommu ghall-kura taghhom. Il-missier ma jikkontribwixxi b'ebda mod u manjiera ghall-kura ta' dawn il-problemi, la finanzjarjament u lanqas mod iehor;

7. Illi l-missier ilu ma jikkontribwixxi xi forma ta’ manteniment ghal ibnu ghal iktar minn tliet (3) snin u lanqas fir-rikors guramentat tieghu ma ndenja ruhu jaghmel referenza ghall-kontribuzzjoni da parti tieghu ghat-trobbija ta’ ibnu.

8. Illi l-istil ta’ hajja li jghix il-missier, li huwa mehdi fid-divertiment u f’*hobbies* li jinvolvu nefqiet sostanzjali jipprekludih milli jkun genitur adattat sabiex lilu tinghata l-kura u l-kustodja tal-iben, kemm konguntament mal-esponenti u iktar u iktar wahdu.

9. Salvi risposti ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat il-kontro-talba tal-konvenuta illi biha ppremettiet:

1. Illi l-esponenti hija konxja mill-emendi ricentement effettwati fil-Kap. 12 li essenzjalment ifissru li jekk tintlaqa’ l-eccezzjoni taghha dwar il-*privilegium fori* din il-kawza ser titkompla billi tigi assenjata lill-Prim’Awla tal-Qorti Civili Sezzjoni Familja, u ghalhekk thoss li hija ghandha kull dritt li tipprezenta l-kontro-talba taghha minghajr ma b’daqshekk qeghdha tirrinunzja ghal dik l-eccezzjoni;

2. Illi ghalhekk hija qeghdha taghzel li tressaq din il-kontro-talba minghajr pregudizzju ghal dik l-eccezzjoni;

3. Illi Jean Pierre Muscat ilu ma jikkontribwixxi xi forma ta’ manteniment ghal ibnu Tristan Muscat ghal mill-inqas tliet (3) snin;

4. Illi barra minn hekk l-istess Jean Pierre Muscat qatt ma wera l-icken interess f’ibnu u qatt ma kkontribwixxi la materjalment u lanqas mod iehor ghall-bzonnijiet tat-tifel;

5. Illi Tristan huwa tifel bi bzonnijiet specjali, u dan kif sejjer jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

6. Illi dawn il-bzonnijiet tipprovdi ghalihom biss u eskluzivament l-omm Ryanne Xuereb;

7. Illi, sabiex is-sitwazzjoni tal-esponenti tmur ghall-aghar, ricentement hija giet infurmata li l-beneficcji li hija kienet tircievi dwar binha twaqqfu, u inoltre hija giet mitluba tirrifondi lid-Dipartiment tas-Sigurtà Socjali l-beneficcji kollha li hija kienet irceviet u ghalhekk mhux biss hija issa spiccat minghajr ebda tip ta’ introjtu imma sahansitra ser ikolha thallas lura somma ta’ eluf ta’ Euro;

8. Illi f'dawn ic-cirkustanzi, l-esponenti thoss li l-kura u l-kustodja ta' Tristan Muscat ghandha tigi fdata eskluzivament f'idejha;

9. Illi barra minn hekk, hija tixtieq li l-missier jigi ordnat jippresta retta alimentarja dicenti ghall-bzonnijiet tat-tifel;

Talbet lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri Tristan Muscat eskluzivament f'idejn Ryanne Xuereb;

2. Tiffissa r-retta alimentarja li ghandha tkun pagabbli minn Ryanne Xuereb dwar l-iben komuni Tristan Muscat, u dan b'effett mid-data tan-notifika lilha ta' din il-kontro-talba, u tiffissa l-modalitajiet u frekwenza li bihom ghandha tithallas dik ir-retta alimentarja.

Rat ir-risposta guramentata ta' Jean Pierre Muscat ghat-talba rikonvenzjonali tal-konvenuta li eccepixxa:

1. Illi qabel xejn l-esponenti huwa konoxxenti illi fil-kawza principali l-konvenuta rikonvenzjonanta eccepiet il-privilegium fori u qed tinsisti illi l-kawza taghha ghandha tinstema' fil-foro f'Malta. Bl-istess argument l-eccipjenti huwa residenti Ghawdex u ghalhekk jinsisti illi kull talba fil-konfront tieghu ghandha tkompli tinstema' Ghawdex. Dwar dan jirriserva illi jipprezenta eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz wara kwalsijasi decizjoni dwar il-privilegium fori sollevat mill-konvenuta.

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost l-esponenti qatt ma nnega illi jaghti manteniment ghal ibnu minuri u kien u ghadu lest jaghmel dan.

3. Illi mhux minnu li l-missier abbanduna lil ibnu. Ghall-kuntrarju kienet l-omm li ghamlet kulma setghet biex tbieghed lill-missier minn ibnu tant illi marret tghix f'Malta f'indirizz li ghal zmien twil ma kienx maghruf. Il-missier ghandu kull interess u xewqa li jkun prezenti fil-hajja ta' ibnu u li jerfa ir-responsabilita' ta' missier. In segwitu hu jopponi illi l-kura u kustodja tal-minuri tkun fdata unikament f'idejn l-omm; u f'dan ir-rigward ghalkemm ma jopponix illi l-minuri jkompli jghix ma' l-omm, jhoss illi l-kura u kustodja ghandha tkun kongunta.

4. Illi finalment l-esponenti jhoss illi ghandu joggezzjona ghall-premessa fejn il-minuri gie deskritt bhala tifel bi bzonnijiet specjali – stante illi assolutament dan ma huwiex il-kaz. U jidher illi l-omm biex tigwadanja

xi terren qed tipprova tikkwalifika diffikultajiet zghar li ghandu l-minuri fit-taghlim bhala dizabilita'!

Illi din ir-risposta qed issir u qed tigi kkonfermata bil-gurament minn l-attur rikonvenzjonat li ghandu konoxxenza vera u proprja tal-fatti in kawza.

Rat illi fis-seduta tat-18 ta' Ottubru, 2016 id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw illi ai fini tal-ewwel eccezzjoni dwar il-*privilegium fori* kienu qed jistriehu fuq id-dokmentazzjoni gia esebita u qablu li l-kawza tista' tigi differita ghas-sentenza ghal-lum fuq l-istess eccezzjoni.

Rat l-atti kollha nkluz il-medjazzjoni numru 18/2015 JVC annessa fuq ordni tal-Qorti.

**Ikkunsidrat:**

Illi bhala fatti jirrizulta li minn relazzjoni li l-partijiet kellhom barra z-zwieg twieled il-minuri Tristan Muscat nhar l-24 ta' Ottubru, 2010 gewwa r-Rabat, Ghawdex. Ir-relazzjoni bejn il-partijiet tkissret tant li nhar il-25 ta' Frar, 2015 l-attur odjern fetah medjazzjoni bin-numru 18/2015 kontra l-konvenuta sabiex jigi regolat il-hin ta' access ghalih fil-konfront ta' ibnu. Fl-atti ta' din il-medjazzjoni l-istess Ryanne Xuereb ipprezentat rikors kontra l-attur odjern sabiex din il-Qorti 'joghgobha tiffissa r-retta alimentari li Jean Pierre Muscat ghandu jippresta ghal ibnu Tristan Muscat, u tiffissa l-modalitajiet li tahthom ghandu jsir il-hlas ta' din ir-retta.' (fol. 5). Pendenti r-rikors l-partijiet konguntement infurmaw il-Qorti li kien hemm possibilita' ta' transazzjoni u ghaldaqstant dak ir-rikors gie sospiz. Konsegwentement il-medjatrici nfurmat il-Qorti li l-partijiet ma kienux waslu. Din l-istess Qorti tat digriet nhar it-22 ta' Marzu, 2016 (cioe' aktar minn sena wara li kienet infethet il-medjazzjoni) fejn giet dikjarata l-medjazzjoni maghluqa u awtorizzat lill-partijiet sabiex jipprocedu bil-kawza fil-kontenzjuz. Sa dak il-mument il-konvenuta odjerna fl-ebda hin ma kienet qajmet xi eccezzjoni ta' gurisdizzjoni ta' din il-Qorti minhabba l-*privilegium fori* anzi pjenament issottomettiet ruhha ghall-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti tant li hi stess ipprezentat rikors fl-atti sabiex jigi deciz minn din l-istess Qorti. Dan kollu nonostante li jidher car li sa mill-bidu tal-medjazzjoni Ryanne Xuereb gia kienet tirrisjedi fiz-Zejtun, Malta.

Illi fil-15 ta' Gunju, 2016 l-attur prosegwa bil-kawza kontra l-istess Ryanne Xuereb konsegwenti ghall-awtorizzazzjoni ta' din l-istess Qorti sabiex jaghmel dan. Huwa biss fl-istadju tar-risposta ghal din il-kawza li l-konvenuta qajmet l-eccezzjoni tal-*privilegium fori* ai termini tal-artikolu 767 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet

ta' Malta. Nonostante dan izda hija xorta wahda ghazlet li tipprezenta kontro-talba fl-atti kontra l-attur ghalkemm hija, bil-miktub, issostni li ghamlet dan minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni taghha stess.

Illi apparti l-atti tal-medjazzjoni 21/2016 li din il-Qorti stess ordnat li jigu annessi mal-atti ai fini tal-ewwel eccezzjoni, ai fini ta' din l-istess eccezzjoni l-konvenuta esebit kopja tal-karta tal-identita' taghha li tevidenzja li almenu mill-10 ta' Settembru, 2015 hija kienet tirrisjedi fiz-Zejtun, Malta (fol. 66). L-indirizz muri fil-kopja tal-karta tal-identita' huwa l-istess wiehed fejn il-konvenuta giet notifikata bil-medjazzjoni bejn il-partijiet quddiem din l-istess Qorti u l-istess indirizz indikat minnha fir-rikors taghha datat 29 ta' April, 2015.

Illi in vista' ta' dak kollu suespost il-Qorti tqis li l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta Ryanne Xuereb kienet tkun wahda valida kieku:

1. L-istess konvenuta ma assoggettatx ruhha hi stess ghall-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti tul il-proceduri tal-medjazzjoni fejn setghet sa mill-bidu tqajjem l-istess eccezzjoni izda dan ma ghamlitux anzi hi stess issottomettiet rikors fl-atti sabiex jigi deciz min din l-istess Qorti;

2. L-istess konvenuta ma assoggettatx ruhha wkoll ghall-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti bil-prezentata tal-kontro-talba fl-atti ta' din il-kawza. Il-Qorti tqis li mhux bizzejjed li l-konvenuta ssostni li l-kontro-talba kienet qed tigi pprezentata minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni taghha u dan stante li hija kellha mezz iehor fil-ligi sabiex tipprezenta t-talbiet taghha u dan billi setghet facilment fethet proceduri separati li ma jippregudikawx l-eccezzjoni taghha fl-atti odjerni izda ghazlet li ma taghmilx hekk *buona volonta* taghha mhux ghaliex kienet legalment kostretta.

## Decizjoni

Ghaldaqstant, il-Qorti ghar-ragunijiet kollha suesposti, tghaddi sabiex tichad l-ewwel eccezzjoni tal-*privilegium fosi* mqajjma mill-konvenuta u tordna l-prosegwiment tal-kawza.

Bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra l-konvenuta.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Magistat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur